# KURĊIFISS BLA JDEJN

Fuq l-iskrivanija għandi Kurċifiss żgħir tal-injam, imkisser, bla jdejn. Imma l-wiċċ huwa espressiv ħafna. Kont sibtu mormi l-Brażil. Dan il-Kurċifiss dejjem ifakkarni fil-ħafna nies li huma mkissrin. Ifakkarni wkoll f'dak li naħsbu aħna stess fuq Kristu: ngħidu xi darba qisu mhux jagħmel il-parti tiegħu għalina.



Nassistu għal gwerer u persekuzzjoni u xi drabi azzjonijiet ta' individwi li jweġġgħu u f'moħħna jgħaddi dak il-ħsieb li Alla għandu jindaħal iktar biex jgħin lill-innoċenti li qed jingħeleb mill-ħażin. Aħna l-bnedmin nirraġunaw ta' bnedmin li aħna.

**IL-ĠIMGĦA 22 TAX-XAHAR SE JKOLLNA L-PURĊISSJONI TAD-DULURI.** U mbagħad ftit jiem wara niġu għall-jum kbir tal-Ġimgħa l-Kbira.

Ma ninsewx, għeżież qarrejja, li l-Kurċifiss huwa dejjem bla jdejn, jekk aħna ma nsellfuhx idejna. Aħna lkoll irridu nagħmlu l-parti tagħna. Mas-seba' duluri ta' ommna Marija, ma ninsewx id-duluri tal-ommijiet ta' żmienna.

Fid-diqa tal-Ġimgħa l-Kbira niftakru fit-tmiem tal-ġrajja: il-Qawmien ta' Kristu, li jrid il-qawmien tagħna miegħu. Hu għalhekk li n-Nisrani jittama dejjem.

*L-Arċipriet Jimmy Xerri*

## Avviżi:

**EŻERĊIZZI GĦALL-ADOLEXXENTI U Ż-ŻGĦAŻAGĦ**: minn nhar it-Tnejn 18 sal-Ġimgħa 22 ta' Marzu, fit-8:00pm fiċ-Ċentru Parrokkjali. Jistgħu jattendu dawk l-istudenti minn form 2 'il fuq. Imexxi dawn l-eżerċizzi d-djaknu Franklin Micallef.

**PELLEGRINAĠĠ GĦAL TA' PINU:** organizzat mill-NTYC għall-istudenti, il-familji u l-ħbieb tagħhom nhar it-Tlieta 19 ta' Marzu. Nitilqu bil-mixi mill-pjazza tan-Nadur fis-7:00am. Ikun hemm trasport provdut lura minn Ta' Pinu.

**LAQGĦA TA' TALB FUQ L-ISPIRITWALITÀ TA' DUN MIKIEL ATTARD:** nhar l-Erbgħa 20 ta' Marzu, fil-knisja Bażilika tan-Nadur. Il-laqgħa se titmexxa mill-Kan. D. Reuben Micallef u fiha l-Kan. Mikiel Borg ser ikellimna fuq l-esperjenza u l-konoxxenza tiegħu ta' Dun Mikiel. Tibda fis-5:45pm. Kulħadd huwa mistieden. Din tkun imxandra wkoll diretta fuq *Mnarjalive*.

**L-GĦAQDA DUN FRANĠISK GRIMA** tavża li:

- nhar il-Ħamis 21 ta' Marzu ser iżżur il-Mużew Marittimu u l-Mużew tal-Arti fin-Nadur. Niltaqgħu fid-9:30am ħdejn iċ-Ċentru.
- L-Ikla tal-Għid se ssir nhar il-Ħamis 4 t'April, fir-restorant Smuggler's Cave, Marsalforn. Tluq minn ħdejn iċ-Ċentru fil-11:30am. Min hu interessat ikellem lil Maria Natoli fuq 99882797 jew lil Ġuża Sammut fuq 99228906

**IL-KUNSILL LOKALI:** javża li kull residenza tista' tiġbor pakkett boroż organiċi mill-uffiċċju tal-Kunsill fil-ħinijiet tal-ftuħ, billi tintwera l-ID card.

Infakkrukom fil-produzzjoni għal żmien il-Ġimgħa Mqaddsa ***KUNTRASTI*** mtellgħa mill-Kunsill Lokali b'kollaborazzjoni mal-Parroċċa nhar Ħadd il-Palm, 24 ta' Marzu, fit-8:00pm, fil-knisja Bażilika. Din se tkun b'risq il-Fondazzjoni Arka.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am